# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Novembru, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **386/2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**PACE NICOLA'**
[K.I. NRU. 222189M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-21 ta' Awwissu, 2018 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha l-ammont ta' sitt mija, sittin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€660.75c) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 40147932, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, ta' ohrajn accessorji ghalihom (ittra ufficjali bin-numru 2000/2015) u kif ukoll l-imghaxxijiet legali mil-4 ta' Novembru, 2015 (ara *tergo* ta' *fol*. 6).

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu,*

*daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2018 (*a fol*. 14) u la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Ghalhekk, il-konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza.

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2018 gie registrat bil-gurament tar-rapprezentant ta' l-attrici hekk: "*Deher Paul Gatt rapprezentant tas-Socjeta Attrici li bil-gurament tieghu somministrat seduta stante ikkonferma illi l-ammont mitlub f'dawn il-proceduri, cioe' ta' EUR660.75, ghadu interament dovut mill-Konvenuta u li l-ebda hlas akkont ma sehh fil-mori tal-proceduri. Paul Gatt ikkonferma bil-gurament id-dokumentazzjoni minn fol.2 sa fol.4. Seduta stante Paul Gatt spjega lit-Tribunal illi l-kont mertu ta' dawn il-proceduri ghandu natura kummercjali u mhux mahrug ai finijiet residenzjali u ghaldaqstant id-dokument ezebit a fol.4 ghandu jinqara' f'dan is-sens stante illi l-istess erroneament jindika kont 'for residential purposes'*." Dakinhar il-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni pertinenti in atti li jixhdu dwar l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri u mill-assjem taghhom jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat – u bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa interament dovut mill-konvenuta.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjetà attrici s-somma ta' sitt mija, sittin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€660.75c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% mill-4 ta' Novembru, 2015 (data tan-notifika lilha ta' ittra ufficjali interpellatorja) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri u dawk ghalihom accessorji, inkluz ta' l-ittra ufficjali bin-numru 2000/2015, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*